Storja 2:

Fiona kellha ħafna ħbieb fil-klassi. Kienet tilgħab ma' kulħadd, għalkemm kien hemm Hannah li kienet l-ikbar ħabiba tagħha. Darba kienu qed jilagħbu fil-break u raw tifla taqa'. Fiona qalet lil Hannah, 'Imxi mmorru ngħinuha u naraw jekk weġġgħetx'. Fiona u Hannah marru jgħinu lit-tifla u din irringrazzjathom.

Wara ftit raw tifla mill-klassi tagħhom weħidha u Fiona qalet lil Hannah, 'Tridx imorru nilagħbu ma' Marta għax qed naraha weħidha?' 'Iva,' qaltilha Hannah, 'mhux sew li jkun hemm xi ħadd waħdu'.